# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Talba;

16.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 16.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel kuntatt mas-Sur Jonathan Cefai biex jara hux se jattendi għal-laqgħa. Filwaqt li dan wieġeb li ma setax jattendi, is-Segretarju Eżekuttiv talbu biex jibgħat ittra t'apoloġija.

## 16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

16.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 14 kif ukoll il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 15 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

16.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

16.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

16.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 16.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

16.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat wasal fl-aħħar tal-ħidma tiegħu minħabba li qed jistenna minn mument għall-ieħor l-approvazzjoni tal-Ministru għall-Gvern Lokali biex ikun jista' jibda il-ħidma tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Il-Munxar. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera irringrazzjawh tas-sena ħidma mal-Kunsill tal-Fonatana u awgurawlu ħidma fejjieda fil-Kunsill tar-raħal tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-membri tal-fiduċja li wrew fih u talli dejjem ħadmu id f'id flimkien.

16.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill bagħat lis-sezzjoni tar-restawr fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tissewwa l-ħsara li saret fil-faċċata tal-Għajn il-Kbira wara l-inċident li kien seħħ. Dan ix-xogħol tlesta.

16.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li illum wara l-laqgħa tal-Kunsill ser jiġi ffirmat il-kuntratt ta' bejn il-Kunsill Lokali Il-Fontana u 'Little Rock Quarry Ltd' wara li ġiet approvata d-*direct order* mill-Ministru tal-Gvern Lokali u wara li għadda l-perjodu ta' l-appell, biex isir xogħol ta' tisbieħ bil-*porfido* wara s-Sangristija f'parti minn Triq Ta'Mulejja u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-membri qablu.

16.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill bagħat ittra ta' awgurju lill-Isqof Maħtur tad-Djoċesi t'Għawdex, l-E.T. Dun Anton Theuma.

16.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva talba minn student residenti l-Fontana sabiex jagħmel xogħol klerikali mal-Kunsill taħt l-iskema *Work Exposure Scheme* imnedija minn JobsPlus. Kien hemm qbil mill-membri.

16.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irid jixtri x-xemgħa għal quddiem in-nicċa tas-Salvatur kif ukoll fertilizzant għal pjanti. Kien hemm qbil dwar dan.

16.4.7 Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn isir xogħol ta' qtugħ ta' pjanti invasivi tal-qasab u taż-żejt ir-reġnu fil-Wied tax-Xlendi (konfini tal-Fontana), minħabba li qed jerġgħu jikbru. Kien hemm qbil dwar dan.

**16.5 Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;**

16.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri. Ġiet diskussa r-risposta li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv

16.6 **Aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti:**
***Works Tender for the excavation of trenches and replacement of house connections in Triq il-Għajn, Fontana (FLC/03/2020);***

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din is-sejħa għall-offerti għalqet nhar id-9 ta' Ġunju 2020 u kien hemm żewġ offerenti. Il-bord tal-evalwazzjoni iltaqa' darba imma sfortunatament il-Perit informa lis-Segretarju tal-bord li ma setax jattendi dak il-ħin li kienet se tibda dik il-laqgħa minkejja li kien informa li jista' jattendi. Għalhekk il-bord tal-evalwazzjoni aġġorna għal darba oħra.

16.7 **Is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku;**

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva notifika permezz ta' *email* mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet li t-talba tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-permess taċ-Ċentru Ċiviku ma tistax tiġi milqugħa minħabba li l-proprjeta bin-numru 190 fi Triq il-Għajn hija mikrija lil terzi. L-awtorita' għarfet lill-Kunsill ukoll li anke li kieku l-proprjeta ma kinitx mikrija, trid issir applikazzjoni għal devoluzzjoni fuq is-sit qabel issir l-applikazzjoni ta' żvilupp. Għalhekk l-awtorita' tenniet li l-każ dwar l-applikazzjoni GOV1/2020/0477 ġie magħluq.

16.7.2 Is-Sindku stqarr li dan huwa att mill-aktar gravi jekk inhu minnhu li l-kerrej wara li tilef il-kawża ġie rikonoxxut, meta fl-2005 id-Dipartiment tal-Artijiet kien ħareġ ordni ta' żgumbrament. Wara dan l-istess ordni, l-inkwilin kien fetaħ kawża fil-qorti li damet għaddejja għaxar snin u nofs fejn l-istess inkwilin tilef il-kawża u billi din intrebħet mid-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-Kunsill Lokali b'sentenza li ngħatat f'Novembru 2015. F'Diċembru ta' l-2015, l-inkwilin appella mid-deċiżjoni tal-Qorti u d-Dipartiment tal-Artijiet (minn dakinhar l'hawn sar l-Awtorita' ta' l-Artijiet) kif ukoll il-Kunsill Lokali Il-Fontana, se jkunu parti minn dan is-smiegħ tal-appell. Hu kompla billi qal li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel dak kollhu li hemm bżonn biex titwettaq din l-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku u din l-art ma titteħidx lin-nies tal-Fontana. Dan għar-raġuni li r-residenti tal-Fontana għandhom kull dritt li jkollhom uffiċċju deċenti tal-Kunsill Lokali u jitkompla t-tkabbir ta' l-ispazju miftuħ quddiem il-Knisja Parrokkjali. Is-Sindku kompla billi qal li din l-art ġiet esproprijata għal skop pubbliku fl-1970.

16.7.3 Is-Sindku saħaq li meta saret l-ewwel applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar fis-sena 1996, il-Perit ta' dak iż-żmien kien informa lid-Dipartiment tal-Artijiet u kull meta ġġedded il-permess tal-iżvilupp dejjem kienu infurmati.

16.7.4 Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif il-Kunsill irċieva din in-notifika l-fis-17 ta' Ġunju 2020, ġew infurmati l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill. L-Avukat informa lill-Kunsill li l-Kunsill li għandu 20 ġurnata żmien biex jappella minn din id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet.

16.7.5 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li l-Kunsill għandu jappella minn din id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet.

**16.8 Ġbir ta' skart riċiklabbli;**

16.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza permezz ta' *email* mingħand l-iskema GreeenPAK li b'effett mis-16 ta' Ġunju 2020 ser ikomplu jiffinanzjaw il-ġbir tal-iskart riċiklabbli u dak tal-ħġieġ. Fl-istess korrispondenza huma nnotifikaw lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li qed jagħtu pre-avviż ta' xahrejn li ser jieqfu l-operat tagħhom fir-rigward tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ fil-lokalita' tal-Fontana, jiġifieri mill-15 t'Awwissu 2020 mhux ser ikomplu joffru dan is-servizz.

16.8.2 Is-Sindku informa lill-membri li sabiex il-Kunsill jimxi strettament mal-proċeduri u r-regolamenti tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli, il-Kunsill jeħtieġ li joħroġ *expression of interest* liż-żewġ skemi. Hu tenna li l-ERA kellha raġun meta qalet li sar ksur tal-liġi meta l-GreenPak qabdet u waqfet is-servizz. Huwa qal ukoll li minħabba l-possibilita' li toħroġ sejħa reġjonali għal dan is-servizz fiż-żmien li ġej, fl-*expression of interest* issir kundizzjoni li l-Kunsill ikun jista' jagħti pre-avviż ta' żmien xahar biex iwaqqaf dan is-servizz. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

**16.9 Ir-rapport dwar il-belvedere ta' Triq Ta' Mulejja;**

16.9.1 Is-Sindku informa lill-membri li fir-rapport tekniku mhejji mill-Perit Ivana Farrugia ġie nnutat li ma hemm l-ebda referenza dwar il-wiċċ tal-belvedere li jidher li ma fih l-ebda konsentura jew ħsara, filwaqt li

taħt il-Belveder huwa blat u mhux tafal. Dan jista' jiġi kkonfermat minn ritratti ta' meta sar *culvert* għall-ilma ta' Triq ta' Mulejja. It-tafal jibda minn tarf Triq Għajn Tuta lil l'hemm. Huwa qal li dan inġab għall-attenzjoni tal-istess Perit sabiex jekk hi tħoss il-bżonn jiġi emendat ir-rapport tekniku.

16.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Perit wieġbet li ma tħossx li dan ir-rapport għandu jiġi emendat għax fir-rapport tal-Pulizija ma kien hemm l-ebda referenza għall-wiċċ tal-belvedere filwaqt li dwar l-art tafli hija użat il-kliem "it appears" u "seems to be confirmed" minħabba m'għandhiex ċertezza u jista' jiġi determinat la darba jitqabbad konsulent ġoetekniku kif issuġġerit fir-rapport.

16.9.3 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li jimxi mal-parir li ta l-Avukat tal-Kunsill li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex għalhekk ix-xogħol li jrid isir jaqa' taħt ir-responsabilita' ta' l-istess Ministeru. Kien hemm qbil mill-membri sabiex l-Avukat Noel Camilleri jikteb f'isem il-Kunsill Lokali Il-Fontana lil Ministeru għal Għawdex, biex iwettaq dan ix-xogħol.

## 16.10 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

16.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva r-rapport ta' ħidma ta' bejn Lulju u Diċembru 2019, mis-Sindku Saviour Borg, mill-Kunsillier Jonathan Cefai u mill-Kunsillier Carmel Farrugia. Il-membri innutaw il-kontenut u dawn ġew inklużi fir-rapport annwali amministrattiv tas-sena 2019.

16.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Artijiet rigward l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tas-siti fi Pjazza L-Għejjun sabiex il-Kunsill jissottometti pjanta mil-'Lands Registry' bis-siti mmarkati bl-aħmar u ffirmata minn Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri wkoll li permezz ta' telefonata minn uffiċċjal fi ħdan din l-awtorita' ġie nfurmat li l-Għajn ta' Bendu, l-Għajn il-Kbira kif ukoll ix-xelter kienu diġa' ġew devoluti lill-Kunsill nhar id-9 ta' Marzu 2018, għalkemm ma ġiex iffirmat il-kuntratt, u għalhekk il-pjanta tal-'Lands Registry' trid tinkludi biss ir-Repplika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini tal-madwar.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minkejja li talab lil dan l-uffiċċjal jikkonferma dan bil-miktub, il-Kunsill sad-data tal-laqgħa, ma kien

irċieva xejn li dawn it-tlett siti kienu diġa' ġew devoluti lill-Kunsill nhar id-9 ta' Marzu 2018.
Is-Sindku saħaq li sakemm il-Kunsill hu infurmat, dawn is-siti qatt ma ġew devoluti lill-Kunsill u qatt ma tressqet korrispondenza fuq hekk waqt l-ebda laqgħa tal-Kunsill. Dan ġie konfermat mill-Kunsillieri Is-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia li kienu bħalu fil-Kunsill preċedenti.
Is-Sindku ppropona wkoll sabiex fil-pjanta li trid issir il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-belvedere ta' fuq l-Għajn ta' Bendu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din il-pjanta titħejja mill-Perit Ivana Farrugia li għamlet il-pjanti ta' qabel.

16.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tan-nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neville Galea. Barra minn hekk, kif mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ntbagħtu l-ittri formali għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv Neville Galea b'effett mill-1 ta' Lulju 2020, kif ukoll ittra bl-avviż ta' riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat b'effett mit-30 ta' Ġunju 2020.

16.10.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-approvazzjoni tal-Ministru għal Wirt Kulturali, L-Arti u l-Gvern Lokali għat-talba mressqa mill-Kunsill sabiex ix-xogħol ta' tisbieħ bil-*porfido* f'parti minn Triq Ta' Mulejja (wara s-Sangristija) u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali jingħata permezz ta' *direct order*.

16.10.5 DLG Direttiva 3/2020 – Revoka tad-Direttiva 2/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand TriGozo biex jinfurma lill-Kunsill li l-attivita' li kienet se ssir fid-19 t'April 2020, ġiet posposta għas-26 ta' Settembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand SixthEnergyMalta biex jimtela' rapport dwar il-prestazzjoni tal-Kunsill Lokali u jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara li sar dan ir-rapport mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, intbagħat lill-membri tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tagħhom biex imbagħad finalment dan ir-rapport intbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

16.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Charles Bezzina li ppublika ktieb dwar żmien il-gwerra u li qed jinbiegħ għall-prezz ta' €30. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jinxtara ktieb wieħed għal-librerija tal-Kunsill.

16.10.9 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa għall-permess mill-Kunsill biex isir ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika tal-Qalb ta' Ġesu nhar l-14 u d-19 ta' Ġunju 2020, kif ukoll biex issir attivita' soċjali nhar it-3 ta' Lulju 2020. Iż-żewġ attivitajiet ser isiru fi Triq Ta' Mulejja wara s-sangristija. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

16.10.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/060 – Dokument proġett Slow Streets u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi. Il-Kunsill innota l-kontenut wara korrispondenza oħra mibgħuta mil-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn ser tiġi diskussa din il-materja waqt laqgħa tar-reġjun. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex ser ikun qed jiffinanzja sa massimu ta' €3,000 għall-istudji ta' dan il-proġett lil kull Kunsill. Is-Sindku qal li l-preparamenti tal-Kunsill diġa' saru u peress li dalwaqt ser jibda' x-xogħol tal-*porvido*, l-Kunsill għandu jiċċekja mal-Kunsill Reġjonali Għawdex jekk l-ispejjeż li ntefqu hux ser ikunu rikonnoxxuti u eliġibli għal rifużjoni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

16.10.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/061 – EUCF 1st National Webinar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/062 – Register now to the STAR Project webinar on street art against urban and social marginalization. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/063 – Ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut u dan ġie diskuss f'laqgħa b'urġenza li saret apposta nhar il-10 ta' Ġunju 2020.

16.10.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/064 – Local Councils migration to electronic payments. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/065 – Proġett Wifi4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/066 – Spazzju fil-Kunsilli offrut għall-istudenti tal-liġi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/067 – Ħu sehem fi stħarriġ qasir dwar l-impatt tal-COVID 19 fuq ir-reġjuni u l-ibliet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/068 – 9 June @ 10am! Webinar on the European Semester's 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/069 – EUSEW2020: Registration is now open. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/070 – EuroPCom 2020 – June 29 09:00-12:30 – Register now. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/071 – LCA Summer BBQ 24/07/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/072 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.33 u Nu.34. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/073 – Street Naming – Tabelli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/074 – Servizzi lill-anzjani mill-Kunsilli Lokali – Ċentru Servizz Anzjani. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16.10.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/076 – Letter to LC's – VisitMalta Now Celebrations – 1st July 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 16.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

16.11.1 Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa hux ser isir il-ġbir tal-borża sewda fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2020. Wara diskussjoni dwar it-tajjeb u l-ħażin taż-żieda fil-ġbir tal-borża s-sewda, sar qbil li għal din is-sena dan is-servizz jerġa jibda jsir, dejjem bil-prezz eżistenti. Għalhekk is-Sindku ppropona li jsir avviż lir-residenti peress li s-servizz irid jibda minn nhar is-Sibt. Kien hemm qbil.

16.12 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

16.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2020 li tammonta għal €13,855.95 ġiet approvata u ffirmata.

16.13 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

16.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020 fit-3.00pm.

16.13.2 Dawn il-minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv ta' dakinhar is-Sur Ryan Debrincat u ġew ippreżentati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Neville Galea,

illum il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Deputat Segretarju Eżekuttiv